MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 9(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Erbgħa, is-26 ta' Awwissu 2009, fil-5.30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**<u>Mhux preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Steven Grech – skużat |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Affarjiet Oħra

## 2. Qari tal-Minuti

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 8(2009) u dawn ġew approvati.

## 3. *Arising* mill-Minuti

**3.1** Ma kien hemm xejn *Arising* mill-Minuti.

## 4. Korrispondenza

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Is-Segretarju Eżekuttiv informa 'l-Kunsill li s-Sur Claudio Farrugia, PRO tal-Korporazzjoni Enemalta, għan-nom tas-CEO, l-Inġ. Karl Camilleri, kien talab laqgħa mal-Kunsill nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2009, fis-2.30 p.m., fl-ufficcju tiegħu fil-Marsa. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Membri jinfurmawh min xtaq jattendi.

**4.3** Il-Kunsill qabel li mill-fondi allokati għall-manutenzjoni tat-toroq għas-sena finanzjarja 2009-2010, isir *resurfacing* ta' parti minn Triq iż-Żejtun minn Triq San Ġużepp sa Triq l-Arznell.

**4.4** Il-Kunsill kien irċieva mill-MEPA kopja tal-EIS dwar il-proposti "Diesel Engine Generators" għall-*Power Station* ta' Delimara. Il-MEPA talbet il-kummenti tal-Kunsill sal-24 ta' Settembru 2009. Peress li l-EIS kien pjuttost tekniku, il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-għajnuna tas-Sur Arthur Ciantar, resident ta' Triq il-Port Ruman, biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar l-EIS.

(F'dan il-punt, fis-6.40 p.m., il-Kunsillier Cassar skuża ruħu u telaq mil-laqgħa)

**4.5** Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Membri jinfurmawh min minnhom kien ser jattendi l-laqgħa tal-Kunsilliera nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru 2008.

**4.6** Dwar l-ilment tal-Kaptan Gabriele minħabba problemi tat-traffiku f'Triq il-Kavallerizza, il-Kunsill qabel li jiġu nstallati *rumble strips* f'din it-triq fid-dawra ta' wara d-Dwana. Il-Kunsill qabel ukoll li japplika ghall–permess tal-ADT għal-*Sleeping Policeman* f'Triq Cicerun viċin ta' Maryrose Discount Store.

**4.7** Dwar it-talba tas-Sur Michael Caruana biex jibda jgħallem il-logħba tal-Cricket lit-tfal, il-Kunsill kien favur din il-proposta, iżda qabel li t-*training* kellu jsir fl-Iskola Primarja.

**4.8** Dwar it-talba tal-Kappillan għal żewġ arbli permanenti f'Pjazza l-Madonna ta' Pompei, il-Kunsill approva li jsiru żewġ ħofor bl-għatu għall-arbli, pero' li l-arbli ma jitwaħħlux permanenti.

**4.9** Dwar it-talba tas-sid tax-Xlukkajr Restaurant għal permess biex grupp mużiċisti idoqqu fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei filgħaxija, il-Kunsill approva din it-talba għajr għall-Festa tar-raħal u meta l-Kunsill jagħti permess biex issir xi attivita' oħra f'din il-pjazza.

**4.10** Il-Kunsill kien irċieva stedina għas-Sindku mingħand il-lokalita' ta' Morphou f'Ċipru sabiex fl-10 u l-11 ta' Ottubru 2009 jattendi ċeremonji li jfakkru l-invażjoni ta' Ċipru mit-Torok fl-1974. Peress li s-Sindku ma setgħax jattendi, il-Viċi-Sindku aċċetta li jmur minfloku.

**5.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Nhar il-Erbgħa, 12 ta' Awwissu 2009, il-Kunsill kellu laqgħa mal-Onorevoli Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-andament tal-Kunsill u l-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt. Il-Kunsill lmenta dwar in-nuqqasijiet tal-Uffiċċju Amministrattiv u d-diffikulta' biex il-Kunsill isib biċċa art għall-bini mill-ġdid ta' Ċentru Ċiviku għal Marsaxlokk. Dr Said qal li kien lest li jagħti l-għajnuna tiegħu biex jara hux possibbli li biċċa mill-art tal-Iskola Primarja tintuża għal dan l-iskop.

**6.** **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**9.1** Il-Viċi-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Pomroy, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Adeodato Schembri | Kiri ta' *jack hammer* u xiftjar tal-qsari tal-palm | 168.74 |
| Andrew Abela | 20 vjaġġi ġebel ħdejn il-grawnd tal-futbol | 283.20 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Maghluq u tindif tal-litter bins ħdejn | |
| | Binja Ħal Ġinwi April u Mejju 09 (X7) | 122.29 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġuże' Cassar,Ġnien il-Familja u | |
| | tindif tax-Xatt April u Mejju 09 (X20) | 512.40 |
| Anġlu Fenech | *Supplies g*ħall-uffiċċju | 150.10 |
| Anġlu Fenech | Boroż tal-plastik suwed | 256.00 |
| Busy Bee | Gateaux għall-Festa | 159.00 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Lulju 09 (48hrs X €5.59/hr) | 268.32 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt Mejju u Ġunju 09 | 2893.36 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 20.08.09 | 42.00 |
| Cleansing Services Dept | Extra Services - Latrine attendant 3 u 17 Lulju 09 | 53.10 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Lulju 09 | 1357.84 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Lulju 09 | 233.99 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Lulju 09 | 626.39 |
| Commissioner of Police | *Extra Duty* 16.07.09 | 78.82 |
| Digitone Computers | *Onsite maintenance* | 23.29 |
| Director General (Works) | *Patching* Triq it-Torri | 232.94 |
| Elaine Dimech | *Storytelling 20* - 24 ta' Lulju 09 | 93.12 |
| Elaine Dimech | *Storytelling 27* - 31 ta' Lulju 09 | 93.12 |
| Elaine Dimech | *Storytelling* 3 - 7 ta' Awwissu 09 | 93.12 |
| Elaine Dimech | *Storytelling* 10 - 14 ta' Awwissu 09 | 93.12 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Ġunju 09 | 1030.75 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Lulju 09 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Lulju 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Lulju 09 | 58.23 |
| G4S | Cash-in-transit Lulju 09 | 30.26 |
| GO | 21652218, kera Aww/Sett 09 | 11.55 |
| GO | 21659555, Lulju 09 | 27.73 |
| GO | 21652525, Lulju 09 | 249.36 |
| GO | 21650937, Lulju 09 | 61.36 |
| GO | 21652392, Kera Awwissu 09 | 17.91 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' 25 siġġijiet 30.07.09 | 8.26 |
| Jason Gauci | *Mobile Cards* Awwissu 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Lulju 09 | 92.93 |
| Josephine Bugeja | Drapp għal purtiera | 29.95 |
| Joseph Cassar | Mili tal-ġibjun 29.07.09 | 88.50 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 66.07. |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 39.81 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 61.46 |
| Montebello Enterprises | *Left door mirror for Toyota Townace* | 112.37 |
| Nexos | *Street lighting maintenance* | 646.56 |
| Nexos | *Street lighting maintenance* | 435.87 |
| Newwes Garage - Horace Spiteri | M'xlokk-Valletta-M'xlokk 30.05.09 | 54.98 |
| OPAL | 4 *Flat Rubber Safety Seats* | 456.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Omni Stat | Xkaffa u *bracket*għall-iskrivan | 62.54 |
| Patrick Cellars | Ilma tal-fliexken | 35.00 |
| Roc-a-go | Skip 26.06.09 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip 17.07.09 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip 27.07.09 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip 04.08.09 | 54.97 |
| Roc-a-go | 3 skips 07.08.09 | 164.92 |
| Roc-a-go | 5 skips 10.08.09 | 274.86 |
| Roc-a-go | 3 skips 12.08.09 | 164.92 |
| Sigma | Żebgħa safra | 180.32 |
| Sigma | Zebgħa bajda u safra u *thinner* | 392.71 |
| Smart Office Supplies | *Stationery*u *printer cartridges* | 438.86 |
| Smart Office Supplies | *Hand washing medical alcohol* | 18.80 |
| Valley Pet Shop (Geoffrey Montesin) | Qasrija kbira | 29.50 |
| Water Services Corporation | *Winchroom,* ilma stima 24 Jan - 8 Mejju 09 | 70.29 |
| Water Services Corporation | *Winchroom No 1,* dawl stima 24 Jan - 8 Mejju 09 | 114.45 |
| Water Services Corporation | *Winchroom (1),* ilma u dawl stima 24 Jan - 8 Mejju 09 | 190.04 |
| Water Services Corporation | *Winchroom (2),* ilma u dawl stima 24 Jan - 8 Mejju 09 | 154.63 |
| Water Services Corporation | Ġnien il-Familja, dawl stima 26 Jan - 8 Mejju 09 | 648.96 |
| WasteServ | *Bins, Bring-in-site*Ġunju 09 | 287.02 |
| WasteServ | *Bins, Bring-in-site* Lulju 09 | 296.59 |
| | | |
| | **Total** | **€18413.34** |
| | **Lm** | 7904.85 |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**7. <u>Affarjiet Oħra</u>**

**7.1** Minħabba l-problema tal-ilma f'Triq San Franġisk għat-tfal tal-iskola meta tagħmel ix-xita, il-Viċi-Sindku qal li kien hemm bżonn ta' *culvert* li jwassal mill-kantuniera ta' Triq San Franġisk u Xatt is-Sajjieda sal-baħar. Dan kellu jsir waqt ix-xogħlijiet tal-proġett għat-tisbiħ tax-Xatt. Għalhekk il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jinforma lil-Perit Zerafa Boffa u wara jkellmu l-Viċi-Sindku.

**7.2** Il-Kunsill unanimament iddeċieda li x-xogħlijiet li kienu saru mill-Hydrorocks Construction f'Triq Santa Katerina ma kienux aċċettabbli u għalhekk li jitlob lis-Sur Farrugia sabiex il-kisi ta' wiċċ it-triq jerġa' jsir mill-ġdid għas-sodisfazzjon tal-Kunsill sal-aħħar ta' Settembru 2009. Il-Kunsill talab li s-Segretarju Eżekuttiv jinforma lis-Sur Farrugia b'din id-deċiżżjoni bil-miktub.

**8.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**